# LI TGĦIX GĦAL ĦADDIEĦOR ...



"Ix-xmajjar ma jixorbux l-ilma tagħhom;
is-siġar ma jieklux il-frott tagħhom;
ix-xemx ma tiddix fuqha nnifisha,
u l-fjuri ma jxerrux il-fwieħa tagħhom
għalihom stess.

Li tgħix għal ħaddieħor hija l-liġi tan-natura.
Aħna lkoll maħluqa biex ngħinu lil xulxin.
Minkejja li tista' tkun diffiċli ...
il-Ħajja hi sabiħa meta tkun ferħan;
Imma ħafna isbaħ meta
ħaddieħor
ikun ferħan minħabba fik."



Franciscus



PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
KONVERŻJONI
TA' SAN PAWL
Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## MARIJA BAMBINA
## Sinjal ta' Alla favur il-Ħajja

*"Sabiħa l-ħajja,*
*meta hi mibnija*
*bl-imħabba ta' Alla,*
*li ħalaqha għalija".*

Hekk ngħidu xi drabi waqt l-innu tal-ħolqien li ta' spiss inkantaw fil-quddies. U fuq dan ser nistednikom biex nirriflettu flimkien f'din il-kitba li sservina ta' riflessjoni għal dan ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa tat-Twelid ta' Marija, Omm Ġesù u Ommna lkoll bħala Knisja.

Li niċċelebraw it-twelid ta' persuna u l-anniversarju ta' dan mingħajr ma nikkunsidraw is-sbuħija tal-ħajja, rifless tal-Imħabba, li tgħin lil persuna tikber u timmatura minn sena għal oħra, inkunu tassew qed nitilfu s-sens taċ-ċelebrazzjoni.

***Id-Don tal-Ħajja***

Ħbieb, it-twelid tagħna lkoll, imma fuq kollox ta' Marija, jurina biċ-ċar li l-ewwel u qabel kollox, il-ħajja hija rigal li Alla, Sid il-ħajja, jagħti permezz ta' dawk li ġabuna fid-dinja, il-ġenituri tagħna:

- Rigal lilna li nistgħu ingawdu l-ħajja;
- Rigal lill-ġenituri u l-familja tagħna;
- Rigal lis-soċjetà u l-komunità li nkunu sirna parti minnhom; min jaf xi kwalitajiet u talenti hemm moħbija u li b'għajnuna u inkuraġġiment nistgħu niskopru tul ħajjitna.



***Il-Kwalita' tal-Ħajja***

Biss dan ir-rigal tal-ħajja irridu nuru l-apprezzament tiegħu billi nitgħallmu dejjem ngħixu aktar ta' nies, u dan nuruh fil-prattika bid-deċiżjonijiet u bl-istil tal-ħajja li ngħixu  Bħala saċerdot midħla tagħkom ħalli npoġġi dawn il-mistoqsijiet biex inweġbuhom aktar bl-aġir milli bil-kliem:

- Kemm qed nagħtu każ tal-ħajja tal-familjari tagħna, tal-ġirien, ta' sħabna tax-xogħol u l-iskola? Qed infittxu li bl-imġieba tagħna nuru li hemm tassew xi ħadd li jħobbhom? Jew jinteressana biss minna nfusna; l-aqwa li moqdijin aħna?
- Meta nitkellmu man-nies, dan nagħmluh sempliċiment biex ngħidu fuq in-nies jew, għax frott ir-rabja, u allura nispiċċaw biex infajru kliem bl-addoċċ, mingħajr ma nqisu xejn? Jew nitkellmu biex verament nagħmlu kuraġġ lil xulxin u noffru li nagħtu dik id-daqqa t'id li jkun hemm bżonn?
- Kemm qed nerfgħu responsabbiltà fid-dixxiplina personali u fit-trobbija? Jew fejn nidħlu aħna nfusna nillaxkaw u nħallu kollox għaddej għal riħu, u mbagħad fejn jidħol ħaddieħor malajr lest li nippuntaw subgħajna u nippretendu li jsiru l-mirakli?
- Kif qed nittrattaw l-ambjent ta' madwarna? Kullimkien nagħmlu tagħna u l-annimali nistmgħuhom ta' nies aktar min-nies għax imbagħad inħallu djarna jew barra minn djarna mimli skart?

L-aħwa hemm affarijiet li ma jiddependux minna, imma hemm bosta affarijiet li biex intejbu l-kwalità ta' ħajjitna, u din ma titjibx bil-flus biss, jiddependu ħafna minna.  Nafu biżżejjed li bil-kliem jingħad ħafna; imma bil-fatti aħna x'qed nagħmlu?

***Il-Grazzja ta' Alla fil-Ħajja***

Iżda biex il-ħajja tagħna tkunu tassew ta' kwalità, hekk kif irid Alla, u mhux kif jidhrilna aħna, ejjew nagħrfu li f'Marija tidher tassew din il-kwalità: il-Grazzja, li għax mimlija biha tirbaħ lix-xitan u d-dnub, l-għedewwa ta' ruħna.  It-Twelid u l-ħajja kollha tagħha juruna li jekk aħna tassew nilqgħu s-sejħa t'Alla u nagħżluh, hu tassew jinqeda bina biex il-preżenza tiegħu verament tkun qrib il-bnedmin kollha.  B'hekk bħal Marija, li tat l-ikbar servizz li setgħet toffri lilna l-bnedmin, aħna ukoll inkunu ta' servizz lil xulxin: mhux biss naqdu fil-ħtiġijiet materjali u umani, imma fuq kollox nwasslu u nikkomunikaw lil Kristu, l-akbar għajnuna li Alla jista' jagħtina.

Jalla Marija Bambina tkompli tgħinna biex nibqgħu nikbru fil-ħajja nisranija tagħna, speċjalment billi nagħtu aktar importanza lil binha Ġesù fl-Ewkaristija ħalli verament nkunu xhieda tal-fatt li *"sabiħa l-ħajja, meta hi mibnija bl-imħabba ta' Alla li ħalaqha għalija."*

**Dun David Farrugia**
**- Kappillan Ħal Safi**



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Settembru 2021

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa 3 ta' Settembru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-5:45pm - Qrar<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| L-Erbgħa 8 ta' Settembru | **Solennità tat-Twelid tal-Madonna - Il-Vitorja**<br>Tajjeb li nieħdu sehem fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' matul il-ġimgħa: 7:30am u 6:30pm |
| Il-Ħadd 19 ta' Settembru | **Jum il-Missjoni tal-Art Imqaddsa**<br>Fl-10:30am - Quddiesa bil-Magħmudija |






***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***

Jade Sciberras
Leah Zammit
Sawl Micallef Grimaud
Nate Mifsud Galea

---- o ----



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***

Alan Burnell u Jessica Camilleri
Ryan Dimech u Angie Debono
Steve Delezio u Kristina Scicluna
Herbert Attard u Daniela Cassar Mallia
Paul Bezzina u Rachel Camilleri
Andy Aloisio u Beverly Fenech

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***

Vincent Zammit

***Nitolbu għalihom!***

